MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1024/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Noel u Mariella mizzewgin Borg KI numri 69863 M u 337466 M.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. datat 8 ta' Ottubru 2008 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi in forza ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' Mejju 1998 (Citazzjoni numru 694/95 AIM) fl-ismijiet **"Paul Gambina ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Noel u Mariella mizzewgin Borg"** (Dok. "A"), is-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditrici ta' Noel u Mariella mizzewgin Borg

fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf u tlieta u tletin ewro u tmenin centezmu (€22,033.80) kwantu ghal ghoxrin elf, hames mija u hamsa u erbghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€20,545,68) sorte u kwantu ghal elf, erba' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€1,488.12) spejjez tal-kawza skont taxxa hawn annessa u markata Dokument "B", flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1994 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Illi, id-debitu tal-intimati llum jammonta ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, mija u disgha u tmenin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€21,189.58) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-27 ta' Settembru 2008 sal-jum tal-pagament effettiv u l-ispejjez relattivi;

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta’ Mejju 1998 (Citazzjoni numru 694/95 AJM) fl-ismijiet **"Paul Gambina ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Noel u Mariella mizzewgin Borg"** (Dok. "A"), fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta’ wiehed u ghoxrin elf, mija u disgha u tmenin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€21,189.58) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-27 ta' Settembru 2008 u l-ispejjez relattivi kontra l-istess intimati.

Rat li l-intimati notifikati ma pprezentawx risposta u lanqas dehru ghar-rikors.

Rat li l-Prokuratur Legali Francesca Scerri ghas-socjeta` rikorrenti kkonfermat bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghalhekk **tilqa’ t-talba tal-istess socjeta` rikorrenti**. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------